MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 45/2010

Kawza fil-lista: 54

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ppremetta: li l-partijiet izzewwgu fil-5 ta' Dicembru 1987, li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, u kien vzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu ai termini ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u invalid fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-

partijiet, kif ukoll li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha eccepiet li mhux minnu illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu u ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghal att taz-zwieg jew vizzjat b'xi difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu da parti ta' l-intimati; ghandhom tlett-it tfal minn dan iz-zwieg;  u li l-problemi matrimonjali bdew circa 15-il sena wara z-zwieg meta l-attur dahal f' relazzjonijiet adulteruzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fil-5 ta' Dicembru 1987 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta mhux qed taqbel li z-zwieg huwa null.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-5 ta' Dicembru 1987 meta allura l-attur kellu 24 sena u l-konvenuta kellha 26 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sentejn.

Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal: Gabriella, Claudio Antonio u Tiziana Maria, li twieldu rispettivament fis-7 Jannar 1989, fis-17 Lulju 1990 u fis-19 Novembru 1993.

Il-partijiet kienu ltaqghu fuq il-post tax-xoghol. Il-konvenuta kellha l-art sabiex jibnu dar u l-attur kien imur jahdem f'dan il-post kull hin li kien ikollu meta ma kienx ikun xoghol.

L-attur jghid li huwa kien titubanti biex jizzewweg u kellu bosta relazzjonijiet ma' nisa waqt iz-zwieg, bl-ahhar wahda tkun ma' mara li ghadu maghha sal-llum, u li ghandu trabija minghandha.

Il-konvenuta ssostni li qatt ma kien hemm problemi jew glied bejn il-partijiet sa ftit snin wara li zzewgu u li kienu jafu sewwa lil xulxin. Inoltre, hija tghid li matul iz-zwieg ma kienx hemm problemi fir-relazzjoni bejniethom, tant li huma kellhom tlett-it tfal, ippjanati, u li gew f' intervalli ta' sentejn circa, bl-ahhar wild jitwieled fis-sena 1993. Ghalhekk ghal certu tul fil-konvivenza matrimonjali ma kienx hemm problemi.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi f' dan il-kaz il-Qorti hija tal-fehema li ma jikkonfigurawx il-capita nullitatis formanti il-bazi tal-kawzali li fuqhom l-attur qed jisostni l-azzjoni tieghu.

Illi, ghalkemm l-attur seta' kellu xi dubji dwar il-pass taz-zwieg li kien ser jiehu, il-provi juru li huwa dahal ghal dan il-pass b' decizjoni libera u bil-konsapevolezza dwar l-import tal-hajja matrimonjali, cioe' id-drittijiet u l-obbligi fiz-zwieg. Huwa zzewweg lill-konvenuta ghax ried jizzewwigha, u fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, iz-zewg partijiet kellhom l-intenzjoni li jghixu l-hajja konjugali bejniethom, tant li huma kellhom, kif pjanat bejniethom, tlett-it tfal; u dan ma' l-ewwel sitt snin tal-konvivenza.

Il-Qorti tosserva li l-problemi li nqalghu wara z-zwieg dwar il-komportament adulteruz ta' l-attur jaghtu lok ghas-separazzjoni personali, izda ma jintegrawx l-estremi li jaghtu lok ghall-annullament.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ma timmeCx li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba ta' l-attur, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------